QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA’ MARZU 2002

Avviz Nru 2182/97DM

Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali

vs

Dr Paul Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ erba mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm429.58) bhala hlas zejjed li sar lil-konvenut eccessivament u bi zball bhala stipendju mill-Universita ta’ Malta meta il-konvenut kien fil-kors ta’ Magister Juris, u dan minhabba li ma kienx qed jattendi regolarment u jghamel progress sodisfacenti ai termini tal-paragrafu ( c) tar-Regolamenti 2 ta’ l-Avviz legali 5 ta’ l-1991.

Jhallas l-ispejjez ta’ l-att kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Jannar 1996. Bl-imghax sad-data tal-pagament kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenut Dr Paul Farrugia fejn eccepixxa illi:

1 In linea preliminari ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet;

2 In linea preliminari wkoll it-talba attrici hija insostenibbli stante l-preskrizzjoni ta' sentejn a termini tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16)

3 Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma huwiex minnu li l-eccippjent ma attendiex regolarment jew li ma ghamilx progress sodisfacenti.

Rat in-nota tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta' Gunju 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, jirrizulta mill-istess avviz legali A.L. 5 tal-1991 li l-istipendji ghalkemm amministrati mill-Universita' ta Malta huma stabbiliti mill-Ministru tal-Edukazzjoni bis-sahha tas-setghat moghtija lilhu bis-subartikolu (3) tal-Artikolu 39 tal-Att ta' l-1988 Dwar l-Edukazzjoni, huma pprovduti mill-Vot 15 spettanti lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali (fol. 30) u huma mhallsin mill-istess Ministeru skond l-indikazzjoni fid-dikjarazzjoni P3 ghall-iskopijiet tat-Taxxa fuq id-Dhul skond ix-xhieda inkontestata ta Rosa Salinos.

Ghalhekk irrispettivament minn min gie mahtur biex jamministra u jqassam dawn l-istipendji f'isem l-attur, il-hlas jibqa dejjem isir mill-attur u huwa hu biss li ghandhu d-dritt li jagixxi f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-istess stipendji, kompriza l-azzjoni ghar-rifuzjoni ta xi hlas indebitu.

Ghaldaqstat tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-iskadenza tas-sentejn a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili, il-gurisprudenza preponderanti[1] tirritjeni li sakemm l-Artikolu 1027 ma giex inkluz fl-Artikolu 2115 (2) (li jirregola liema preskrizzjonijiet jistghu jigu opposti kontra d-drittijiet u azzjonijiet spettanti lill-Gvern) il-preskrizzjoni hemm imsemmija ma tistghax tigi opposta ghall-azzjoni tal-Gvern.

L-artikolu 2155 (2) tal-Kodici Civili jipprovdi li … "*l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-Artikoli* ***2149, 2153, 2154, 2155 u 2156***".

[1] XXXV-II-431, XLVIII-II-812, P.A. "Avukat Generali –v- Dr. Ph. Sciberras et noe" 30/7/79

Ghaldaqstant tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Fil-meritu, billi l-konvenut qed jikkontesta l-allegazzjoni ta nuqqas ta attendenza regolari ghall-kors u nuqqas ta progress soddisfacenti u offra id-deposizzjoni f'dan ir-rigward, jispetta lill-attur li jipprovdi provi soddisfacenti dwar l-allegazzjoni tieghu.

Dawn il-provi jikkonsistu biss fid-deposizzjoni ta Dr. Kevin Aquilina, li kien ghamel zmien impjegat bhala lecturer in konnessjoni mal-kors in ezami, u fir-rapport ippreparat minnhu.

Ma jirrizultax jekk Dr. Aquilina kienx l-uniku lecturer tal-kors li allura kien ikun jaf personalment bil-progress u l-attendenza. Ghalkemm jirrizulta li kienu jigu ffirmati 'attendance sheets' "ta kull lecture li kien ikun hemm" li kienu jipprovdu prova konklussiva dwar l-attendenza, dawn ma gewx prodotti u lanqas ma gie prodott xi dokument iehor li seta jikkostitwixxi prova oggettiva ta xi nuqqas ta progress sodisfacenti da parti tal-konvenut.

Id-deposizzjoni wahedha ta Dr. Kevin Aquilina, kontradetta mill-konvenut, minghajr ebda kumment tal-Professur David Attard, il-kap tad-dipartiment li kien organizza il-kors, ma tista qatt isservi bhala prova sufficjenti ta dak li jikkontempla is-subinciz (c) tal-Artikolu 2 tal- A.L. 5 tal-1991 li jipprovdi li dawk l-istudenti biss li jattendu regolarment u jghamlu progress sodisfacneti huma intitolati ghall-istipendju.

Ghalhekk issib lill t-talba attrici ma gietx ippruvata u tichad l-istess talba.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ24